MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-22 ta' April, 2004

Numru 23/2002

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**vs.**

**Mark Lawrence Rizzo**

**Il-Qorti**,

Rat l-Att ta' Akkuza migjub fil-Qorti Kriminali mill-Avukat Generali fl-20 ta' Dicembru, 2002 kontra Mark Lawrence Rizzo li permezz tieghu l-istess Avukat Generali akkuzah: (1) talli dolozament, bil-hsieb li joqtol persuna jew bil-hsieb li jqieghed il-hajja taghha f'periklu car, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali u

indipendenti mill-volonta` tieghu, u (2) talli saq motor-car b'nuqqas ta' kont, bi traskuragni u b'mod perikoluz;

Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali tas-16 ta' Ottubru 2003 li permezz taghha dik il-Qorti, wara r-rikapitolazzjoni ta' l-akkuzi, qalet hekk:

" Rat l-atti kollha processwali, inkluzi l-atti tal-kumpilazzjoni;

Rat il-verdett tal-gurati li bih b’ sitt voti favur u b’tlett voti kontra sabu lill-akkuzat mhux hati tal-akkuza taht l-ewwel kap ta’ l-Att ta’ l-Akkuza izda hati biss ta’ tentattiv ta’ ferita ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Desmond Falzon u li bih unanimament sabu lill-akkuzat hati tat-tieni kap tal-Att tal-Akkuza;

Rat il-verdett ulterjuri tal-gurati li bih unanimament iddikjaraw lill-hati Mark Lawrence Rizzo recidiv ghal fini tal-ewwel kap tal-Att tal-Akkuza w unanimament iddikjaraw lill-hati Mark Lawrence Rizzo recidiv ghal fini tat-tieni kap tal-Att tal-Akkuza;

Tiddikjara lil Mark Lawrence Rizzo hati ta’ tentattiv ta’ ferita gravi fuq il-persuna ta’ Desmond Falzon fl-20 ta’ Lulju, 2002, filghodu, go St. Ubaldesca Street kantuniera ma’ Ninu Cremona Street, Rahal Gdid;

Tiddikjara lil Mark Lawrence Rizzo, hati ta’ sewqan b’manjiera perikoluza bla kont, u b’manjiera traskurata fl-istess jum, hin u lok skond it-Tieni Kap. tal-Att tal-Akkuza;

Tiddikjara wkoll lil hati bhala recidiv ghall-fini tal-Ewwel u tat-Tieni Kap tal-Att tal-Akkuza;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena;

Ikkonsidrat

Qieset mill-banda wahda kontra l-akkuzat in-natura tar-reati li taghhom huwa nstab hati, il-kondotta reffrattarja tieghu w l-fatt li huwa recidiv kif fuq intqal;

Qieset mill-banda l-ohra illi l-verdett dwar it-tentattiv ta' ferita gravi kien ta' sitt voti favur u tlett voti kontra li hu l-inqas verdett possibbli bil-ligi biex tinstab htija w li r-reat taht it-Tieni Kap tal-Att ta' l-Akkuza ghandu jitqies bhala kompriz u nvolut fir-reat l-iehor billi serva bhala mezz ghal fini biex jista' jigi kommess l-ewwel reat, kif ukoll in-natura tar-reati li taghhom kien instab hati minn Qrati ohra w li fuqhom gie bazat l-addebitu tar-recidiva;

Qieset ukoll iz-zmien li l-hati ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dan ir-reat f'diversi perjodi;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex din il-Qorti tapplika kontra l-hati l-provvedimenti tal-Artikolu 383 tal-Kap. 9;

Rat l-Artikoli 41(1)(a), 215, 216(1), 17(h) 23, 20, 22, 31, 49, 50, 383 u 533 tal-Kodici Kriminali kif ukoll l-Artikolu 15(1)(a)(2) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta;

Tikkundanna lill-hati Mark Lawrence Rizzo ghal piena ta' sentejn prigunerija li minnhom ghandu jitnaqqas iz-zmien kollu li hu ghamel taht arrest preventiv in konnesjoni ma' dan il-kaz u tiskwalifikah milli jkollu jew jottjeni licenzja tas-sewqan ghal zmien ta' hames snin mill-lum u inoltre biex tipprovdi ghas-sigurta' tal-persuni ta' Desmond Falzon, Esmeralda Falzon u l-membri tal-familja taghhom qed torbot lill-hati b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' mitt lira Maltin (LM100) ghal zmien tnax il-xahar li jibda jghodd minn dak in-nhar li fih il-piena li ghaliha qed jigi sentenzjat tigi skuntata, biex hu b'ebda mod ma javvicina jew jimmolesta lill-imsemmija Desmond u Esmeralda Falzon u l-membri tal-familja taghhom;

U fl-ahharnett tordna lill-hati li jhallas l-ispejjes kollha tal-perizji f'din il-kawza ammontanti ghal sitta w disghin lira Maltin u tlieta w sittin centezmu (LM96.63c) fi zmien gimgha mill-lum u, fin-nuqqas ta' tali hlas, dan l-ammont jigi konvertit f'ghoxrin (20) gurnata prigunerija ohra skond il-ligi."

Rat r-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Mark Lawrence Rizzo pprezentat fis-6 ta' Novembru, 2003 fejn talab li din il-Qorti thassar u tannulla s-sentenza moghtija u tilliberah minn kull htija u piena u, fin-nuqqas, li tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha hlief ghall-parti dwar il-piena ta' sentejn prigunerija li ghandha tkun ta' bejn sena u tmintax-il xahar prigunerija u jitnaqqas l-arrest preventiv kif kien diga` ordnat fis-sentenza appellata;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta' l-appellant huma bazikament tnejn: (1) li huwa nstab hati hazin fuq il-fatti, u (2) li l-piena hija eccessiva.

Dwar l-ewwel aggravju l-appellant isostni li mill-fatti kif irrizultaw, il-gurija qatt ma setghet tasal ghall-verdett ta' htija ta' tentattiv ta' ferita gravi fuq il-persuna ta' Desmond Falzon. Ighid li mhuwiex minnu li ghadda minn Triq Sant' Ubaldesca u qaghad jistenna lil Desmond Falzon u bintu biex imbaghad, kif feggew, saq ghal fuqhom. Barra minn hekk mill-posizzjoni fejn qalet li kienet Esmeralda Falzon u l-istess Desmond Falzon, ma kienx hemm wisa' bizzejjed biex tghaddi karrozza u ma tahbatx la maghhom u lanqas ma' xi koxxa tal-hajt jew ma' wahda mill-bollards li hemm tul l-istess triq.

Hawn qeghdin kjarament fil-kamp delikat ta' l-apprezzament tal-provi, kamp li huwa rizervat ghall-gurati fil-kors tal-guri. Din il-Qorti, kif kostantement irriteniet, ma tiddisturbax l-apprezzament li huma ghamlu, anke jekk ma tkunx necessarjament taqbel mija fil-mija mieghu, jekk huma setghu legittimament u ragonevolment jaslu ghall-verdett li jkunu waslu ghalih. Jigifieri l-funzjoni ta' din il-Qorti ma tirrizolvix ruhha f'ezercizzju ta' x'konkluzjoni kienet tasal ghalih hi kieku kellha tevalwa l-provi migbura fi prim'istanza, imma li tara jekk il-verdett milhuq mill-gurija li tkun giet *"properly directed"*, u nkwadrat fil-provi prodotti,

setax jigi ragonevolment u legittimament milhuq minnhom. Jekk il-verdett taghhom huwa regolari f'dan is-sens, din il-Qorti ma tiddisturbahx.

Issa minn ezami tal-atti processwali jirrizulta illi l-kwistjonijiet kollha rilevanti ta' apprezzament ta' fatt gew posti ghall-konsiderazzjoni tal-gurati li kienu liberi l-hin kollu, u gew diretti f'dan is-sens mill-Imhallef li ppresjeda l-guri, illi jivvalutaw il-provi u jaraw jekk hux il-kaz li jaghtu affidament ghal verzjoni jew ghal ohra. Evidentement il-gurati, li kellhom il-vantagg li jaraw u jisimghu x-xhieda kollha, waslu ghall-konkluzjoni li ma jaghtux affidament ghall-verzjoni ta' l-akkuzat kontenuta fl-istqarrija tieghu.

Huwa veru li fix-xiehda moghtija mix-xhieda principali nsibu certi kontradizzjonijet - bhal jekk il-karrozza li kien qieghed isuq l-appellant ghaddietx minn quddiem Desmond Falzon u bintu jew jekk ghaddietx minn warajhom. Mill-banda l-ohra hemm qbil fuq punti saljenti - bhal li l-appellant ghadda minn ma' Desmond Falzon u bintu Esmeralda b'velocita` eccessiva, li kien gej minn Triq Sant' Ubaldesca mid-direzzjoni tal-habs, u li Esmeralda Falzon waslet ghand nannitha mwerwra wara dan l-incident. Id-difensur ta' l-appellant jaghmel certa enfasi fuq il-marka li Esmeralda Falzon ghamlet fuq ir-ritratt 02BWT108 bhala l-punt fejn suppost kienet meta l-karozza misjuqa mill-appellant ghaddiet minn warajha u jghid li kien impossibbli li karozza tghaddi mill-ispazju bejn dak il-punt u l-bankina fuq il-lemin. Mill-banda l-ohra jirrizulta li sar access fuq il-post fejn allura l-gurati setghu josservaw u jikkonstataw dak kollu necessarju (f'dan ir-rigward ara l-verbal ta' l-access mizmum fl-14 ta' Ottubru 2003) u b'mod specifiku wkoll gie verbalizzat li "[i]l gurati raw fejn jigu l-postijiet immarkati b'cirku blu u b'salib ahmar fuq ir-ritratti esebiti fil-lokalita`".

Fir-ricerka ghal x'kienet l-intenzjoni ta' l-appellant, l-ewwel Qorti fl-indirizz impekkabbli taghha qeghdet ghall-konsiderazzjoni tal-gurati diversi possibiltajiet, u dan wara li spjegatilhom il-principji kollha applikabbli u anke ammoniethom li *"jekk intom ghandkom id-dubbju bejn reat*

*u reat iehor, jew reat u xejn, tridu taghzlu dejjem l-iktar possibilita` favur l-akkuzat"* (fol. 18 ta' l-indirizz traskritt).

Fil-fatt, wara li ezaminat bir-reqqa l-provi kollha migbura u anke semghet ir-registrazzjoni tat-*tape* tax-xiehda ta' Desmond Falzon (peress li din ma gietx traskritta), din il-Qorti hija tal-fehma illi ghalkemm l-appellant verament mar ghand l-Ispettur David Saliba s-CID biex jaghmel rapport u jaghti l-verzjoni tieghu (verzjoni li tinsab fl-istqarrija li ghamel fl-20 ta' Lulju 2002 quddiem l-Ispettur investigattiv Abraham Zammit), il-kwistjoni vera u proprja hija illi gew ipprezentati fatti lill-gurati li kapaci jitwemmnu u li, jekk emmnuti, setghu jwasslu lil gurija ta' intelligenza normali biex tikkonkludi li kien hemm htija skond il-verdetti raggunti minnhom fir-rigward tal-kapi ta' l-att ta' akkuza. Din il-Qorti hi fil-fatt soddisfatta li kien hemm provi bizzejjed biex, jekk emnuti, setghu jiggustifikaw il-verdett milhuq mill-gurati fuq kull kap. Fi kliem iehor, il-kaz mhuwiex wiehed fejn ikun azzardat legalment, u kontra kull principju legali, li wiehed jasal ghall-konkluzjoni ta' rejita` kif stabilew il-gurati. Minhabba f'hekk mhuwiex lecitu li din il-Qorti tiddisturba d-diskrezzjoni tal-gurati f'dan il-kaz.

It-tieni aggravju ta' l-appellant jirrigwarda l-piena. Huwa jghid li ghalkemm l-ewwel Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fatt li l-verdett ta' tentattiv ta' ferita gravi kien ta' sitt voti kontra tlieta (6-3), l-istess Qorti ma applikatx it-tnaqqis ta' zewg gradi kif giet mistiedna li taghmel bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 41 tal-Kodici Kriminali u li ghamlet kien li naqset grad wiehed u ziedet grad iehor peress li l-appellant instab hati ta' recidiva, liema recidiva kienet tirrigwarda reat minuri, u dan bil-konsegwenza li huwa nghata l-massimu tal-piena ta' tentattiv ta' ferita gravi.

Jigi l-ewwelnett osservat li l-appellant m'ghandux ragun fil-komputazzjonijiet tieghu. Skond l-artikolu 216(1) tal-Kodici Kriminali l-piena ghal offiza ta' natura gravi hija minn tliet xhur sa tliet snin prigunerija. Bi tnaqqis ta' zewg gradi skond l-artikolu 41(1)(a), il-massimu ta' tliet snin jinzel ghal massimu ta' tmintax-il xahar (artikolu 31(1)(b)(viii)(ix)(x)). B'zieda ta' grad minhabba r-recidiva,

il-piena massima titla' ghal sentejn prigunerija. Li kieku l-ewwel Qorti naqqset grad biss (kif kellha d-diskrezzjoni li taghmel skond l-imsemmi artikolu 41(1)(a) tal-Kodici Kriminali) u regghet ziedet grad, il-piena massima kienet tkun ta' tliet snin u mhux ta' sentejn.

Ghalhekk il-piena nflitta mill-ewwel Qorti hi fil-parametri tal-ligi u ma gietx inflitta fil-massimu taghha. Barra minn hekk giet imposta minnha, fid-diskrezzjoni taghha, wara li kkunsidrat dak kollu li dehrilha relevanti, inkluza n-natura tar-reati li taghhom instab hati, il-kondotta refrattarja ta' l-appellant, il-verdett raggunt dwar l-ewwel kap u l-fatt li r-reat taht it-tieni kap ghandu jitqies bhala mezz ghal fini fir-rigward tar-reat fl-ewwel kap. Fic-cirkostanzi, u wara li rat ukoll il-fedina penali aggornata ta' l-appellant, din il-Qorti ma tarax li huwa l-kaz li tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti kif ezercitata f'dak li huwa l-quantum tal-piena karcerarja.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma fl-intier is-sentenza moghtija mill-Qorti Kriminali fis-16 ta' Ottubru 2003 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Mark Lawrence Rizzo**, b'dan li z-zmien ghall-hlas ta' l-ispejjez peritali jibda jiddekorri millum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------